

# L-INNU TAR-REBHA

**KITBA IMMAGINATTIVA TA' SAN GORG PRECA**

# EPISODJU 1 L-IRVELL FIS-SEMA




San Mikiel Arkanġlu jirrakkonta:

Alla fi tjubitu ħalaqna, lilna l-Anġli. Il-paċi, il-ferħ ul-ġustizzja huma s-saltna tagħna. Aħna qaddejja fil-preżenza tas-Sid tas-Sema. F'ħin bla waqt ġriet fis-sema għajta ta' ingratitudni kontra dan l-iżjed

Għoli: "Ma nservix! Nitla' u nkun bħall-iżjed Għoli!"



<u>Għall-inġurja ta' Satana ħarġet minn qalbi,</u> b'ħeġġa u bi stqarrija sinċiera, il-kelma "Michael", li bil-Lhudi tfisser "Min hu bħal Alla?" Kulħadd għadu jagħrafni b'dan l-isem li jferraħ lill-anġli kollha, li jfarraġ il-Purgatorju, li jqawwi bil-faraġ u bil-kuraġġ lill-Knisja.

# Episodju 2 L-Innu tar- Rebħa




San Mikiel Arkanġlu jirrakkonta:

Ħadd ma jista' jagħder il-kobor tas-suppervja u tal-ħażen ta' Satana u sħabu. Alla, li hu tant tajjeb u ħanin, fil-għerf bla qies tiegħu kellu jagħmel ġustizzja. Wara, mela, li missier il-gidba bi sħabu

ma kellhomx iżjed post fil-ġenna, il-kori kollha tal-anġli kantajna l-qawwa ta' Alla setgħani.



O x'ġenn li ħadd ma jista' jfisser li tqum u teħodha kontra Alla li biss l-opri ta' subgħajh iriegħdu kull moħħ li jaħseb sew dwarhom! Kantajna ferħanin, persważi li ebda qawwa maħluqa ma tista' qatt titfi l-glorja eterna t'Alla. "Min hu bħall-Mulej Alla tagħna … li jitfa' għajnejh lejn min hu umli u li jżomm iebes kontra min ikun supperv?